MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 475/2009

**Maryum Siddiqa**

**Vs**

**Tabib Principali tal-Gvern**

## Il-Qorti:-

Rat r-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sitta (6) ta' Novembru 2009 mill-attur, fejn eccepixxa s-segwenti:-

" *li permezz ta' Ittra Gudizzjarja datata tnejn w ghoxrin (22) t'Ottubru 2009, l-intimat interpellah ai termini tal-artikolu 466 tal-Kodici ta' Procedura w Organizzazzjoni Civili sabiex jigi dikjarat veru u cert debitur tieghu fl-ammont ta' mija u sitta u tmein euro u hamsa w tletin euro centezmu (€186.35).*

*Illi l-imsemmija somma giet mitluba ghal servizz moghti fl-isptar Mater Dei fil-hamsa (5) ta' Mejju 2009 lil martu.*

*Illi l-attur huwa mpjegat ufficcjalment u jhallas kull kontribuzzjoni socjali u taxxi relattivi bhal kull impjegat Malti w ghalhekk huwa ntitolat ghal servizz mediku minghajr hlas.*

*Illi huwa qatt ma gie mitlub ihallas ebda hlas hlief permezz ta' din l-interpellanza Ufficcjali li hija ghalhekk intempestiva w irregolari, stante li l-intimat messu jkun jaf li l-attur huwa ntitolat ghal servizz mediku minghajr hlas w ghalhekk din s-somma certament m'hijiex dovuta*."

Illi konsegwentement r-rikorrent  talab:-

" *li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi li l-attur ma jistax ikun debitur tal-intimat stante li huwa ntitolat bhala mpjegat li jhallas t-taxxi regolarment ghal servizz ta' sahha bla hlas ghalih u l-familjari tieghu.*

*Salv sottomissjonijiet ulterjuri kif jista jigi ppruvat waqt s-smiegh tar-rikors*.

*Bl-ispejjez*".

Rat r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hmistax (15) ta' Dicembru 2009 (fol. 3) fejn eccepixxa s-segwneti|:-

" *li permezz ta' Ittra Ufficcjali datata tnejn w ghoxrin (22) t'Ottubru 2009, numru 5779/2009 interpella lil Maryum Siddiqa sabiex ihallas l-ammont ta' mija u sitta w tmenin euro u hamsa w tletin euro centezmi (€186.35) dovuta lilu ghal kura u servigi moghtija lilu fl-isptar Mater Dei fil-hamsa (5) ta' Mejju 2009*.

*Illi qabel ma giet intavolata l-Ittra Ufficcjali, ntbaghtu diversi ittri u fatturi sabiex jithallas l-ammont dovut izda dawn dejjem gew injorati.  Dawn il-fatturi w ittri huma esibiti ma dik l-ittra.  Maryum Siddiqa gie kkuntattjat telefonikament tlett darbiet minn ufficcjal pubbliku*

*responsabbli mis-sezzjoni ta' rikavar t'ammonti dovuti biex jekk ghandu dokumenti li jikkonfermaw li hu mpjegat u jhallas l-beneficcji, jippresentahom fl-ufficcju msemmi u kull ma jkun dovut huwa l-ispejjez legali. Maryum Siddiqa qabel li jipprovdi dawn id-dokumenti u li jhallas l-ispejjez legali izda huwa qatt ma mar f'dan l-ufficcju msemmi."*

Ghaldaqstant talab, " *lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad t-talba ta' Maryum Siddiqa filwaqt li tikkonferma li s-somma dovuta lit-Tabib Principali tal-Gvern ta' mija u sitta u tmein euro u hamsa w tletin euro centezmu (€186.35) ghal kura u servigi bl-ispejjez tal-presenti u bl-imghaxijiet mid-data tal-Ittra Ufficcjali datata tnejn w ghoxrin (22) t'Ottubru 2009".*

Rat id-digriet taghha tat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Dicembru 2009 fejn kienet appuntat dan ir-rikors promotur ghas-smiegh ghal hamsa w ghoxrin (25) ta' Frar 2010.

Rat illi fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin (25) ta' Frar 2010 r-rikorrenti u l-avukat difensur tieghu ma dehrux izda dehret biss l-avukat difensur tal-intimat li nsistiet li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Il-Qorti rat id-dokumenti esebiti maar-risposta tal-intimat minn fejn jidher car li l-intimat kien effettivament talab lir-rikorrenti diversi drabi sabiex ihallas id-debitu minnu dovut rappresentanti din is-somma hlasijiet dovuti lill Isptar Mater Dei skond *invoice* numru 10646 datat hamsa (5) ta' Mejju 2009.

Rat ukoll iz-zewg *invoices* mibghuta lir-rikoorenti kif ukoll l-ittra ufficjjali datata tnejn w ghoxrin (22) t'Ottubru 2009 notifikata lir-rikorrenti skond riferta tal-Marixxal Mario Mizzi datata sebgha w ghoxrin (27) t'Ottubru 2009.

Rat illi dan nonostante r-rikorrenti ma hallasx id-debitu tieghu dovut u lanqas ma ressaq xi prova 'n sostern tal-eccezzjonijiet tieghu.

**Ghaldaqstant il-Qorti rat li t-talba rikorrenti hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt w ghalhekk qed tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------